**MALTA**

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Lulju, 2022

Appell Inferjuri Numru 260/2019 LM

**Therese Agius (K.I. 536251M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Joanna Beirnie (K.I. 109199M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-attriċi **Therese Agius (K.I. 536251M)** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] tat-30 ta' Settembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta **Joanna Beirnie (K.I. 109199M)**, [hawnhekk 'l-appellata'], u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi. L-attriċi intavolat dan l-appell għaliex ħassitha aggravata b'din is-sentenza.

**Fatti**

2. Permezz tat-talbiet tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, l-attriċi talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) rappreżentanti allegatament ammont bilanċjali ta' ħlas lura ta' self *brevi manu* li kien sar preċedentement permezz ta' *cheque.*

**Mertu**

3. Il-konvenuta wieġbet billi spjegat li l-attriċi hija ommha, u li mhux minnu li din kienet silfitha xi flus. Qalet li l-partijiet kienu installaw *lift* fi blokk ta' tliet appartamenti li għandhom, u l-konvenuta ħallset l-ispejjeż kollha, kemm għall-installazzjoni, għall-bokka*,* u għall-manutenzjoni tal-*lift,* u l-attriċi kienet dejjem twegħdha li ser tħallasha sehemha ammontanti għal terz tal-ispejjeż. Qalet li l-flus mgħoddija f'Diċembru 2018 kienu maħsuba biex jissaldaw l-ammonti kollha dovuta mill-attriċi lill-konvenuta, u kienet l-attriċi li reġa' bdielha dwar l-ammonti li kellha tħallas.

4. **Ann Curmi** fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija ilha ħabiba tal-attriċi għal diversi snin, u spiss tmur id-dar tagħha u joħorġu flimkien. Qalet li l-attriċi għandha xi għoxrin tarġa sakemm tasal għall-appartament tagħha, u hija dejjem tagħmel użu mit-taraġ meta tmur għandha. Qalet ukoll li madwar sentejn qabel hija kienet kisret saqajha, u darba fost l-oħrajn, meta marret għand l-attriċi, sabet il-bieb tal-*lift* miftuħ u daħlet fih. Qalet li għafset il-buttuni tal-*lift* biex titla', iżda l-*lift* ma nfetaħx fl-ewwel sular fejn toqgħod l-attriċi, u dakinhar kellha tiftħilha t-tifla tal-attriċi għaliex il-*lift* kien imsakkar. Qalet li fid-diversi

snin li ilha tmur għand l-attriċi, din kienet l-unika darba li għamlet użu mil-*lift.* In kontro-eżami, ix-xhud qalet li ma tiftakarx jekk dakinhar li għamlet użu mil-*lift,* kinitx għafsitilha buttuna l-attriċi minn fuq sabiex setgħet tieqaf fis-sular tagħha.

5. **Sandra Brincat** fl-*affidavit* tagħha xehdet li hija ilha ħabiba tal-attriċi għal madwar ħmistax-il sena, u spiss tmur għand l-attriċi d-dar tagħha. Qalet li biex titla' fis-sular fejn tgħix l-attriċi hemm indana taraġ, u minkejja li hemm *lift* fil-blokk, dan ma jitlax fis-sular ta l-attriċi. Qalet ukoll li l-attriċi la għandha ċavetta u lanqas tagħmel użu minn dan il-*lift.*

6. L-attriċi **Therese Agius** xehdet li t-tifla tagħha, il-konvenuta, kienet qaltilha li qegħda tħallas ħafna imgħax fuq self bankarju, u għalhekk hija kienet qaltilha li setgħet tislifha l-ammont ta' €10,000, basta taghtihomlha lura. Qalet li dan kien f'Diċembru tal-2018, u dak iż-żmien bintha kienet wegħditha li kienet ser tħallasha €1,000 fix-xahar. Qalet li dak iż-żmien hija kienet marret mal-konvenuta fil-fergħa tal-HSBC tal-Mosta sabiex jitħallas is-self bankarju, u dan il-pagament kien sar permezz ta' ċekk maħruġ mill-attriċi. L-attriċi qalet ukoll li fl-ewwel xahrejn, il-konvenuta kienet tatha lura €1,000 fix-xahar, u huwa għalhekk li l-kawża saret għall-bilanċ ta' €8,000 li għad iridu jitħallsu. L-attriċi spjegat li hi u l-konvenuta jgħixu fi blokk ta' żewġ appartamenti, u hija kienet tat appartament minnhom lil bintha b'titolu ta' donazzjoni. Qalet li meta bintha sseparat, din kienet iddeċidiet li tibni *penthouse,* u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jiġi installat *lift.* Qalet ukoll li dak iż-żmien hija kienet sejra ħażin ħafna mil-lat finanzjarju, u għalhekk ma setgħetx toħroġ sehemha tal-*lift,* partikolarment għaliex biex tasal għall-appartament tagħha hemm biss ftit

tarġiet. L-attriċi spjegat li bintha qatt ma talbet l-awtorizzazzjoni tagħha biex tagħmel dan il-lift, u qatt ma tatha ċavetta tal-*lift*. Qalet ukoll li l-*lift* sar qabel ma hija silfet il-flus lil bintha. L-attriċi qalet ukoll li hija qatt m'għamlet użu mil-*lift* kemm ilu installat. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, l-attriċi wieġbet li hija ma tafx li dakinhar li akkumpanjat lil bintha biex tinqata' l-*loan* tal-bank, din ħarġet €5,000 minn tagħha sabiex jiġu ddepożitati wkoll fil-kont tal-bank minn fejn ingħata s-self. Qalet li hija wżat il-*lift* darba biss meta daħlet biex tnaddfu u weħlet fih. L-attriċi qalet li mingħajr ċavetta, il-*lift* ma jieqafx fis-sular fejn ikun meħtieġ li jieqaf.

7. Il-konvenuta **Joanna Beirnie** fl-*affidavit* tagħha spjegat li hi u ommha kienu akkwistaw blokk żgħira fi stat *shell* fin-Naxxar, iżda din kienet inxtrat f'isem ommha għax hija għandha ċittadinanza barranija. Qalet li hija kienet ħallset għall-proprjetà tagħha, u wara sar il-kuntratt ta' donazzjoni fuq isimha. Qalet li hi u ommha kienu ddeċidew ukoll li miż-żewġ garaxxijiet li hemm fil-*ground floor,* huma kellhom iżommu garaxx kull wieħed, u ommha kellha tieħu l-appartament fl-ewwel sular, filwaqt li hija ħadet l-appartament tat-tieni sular. Qalet ukoll li wara xi żmien ommha begħitilha sehemha mill-arja tal-bejt u għalhekk hija kienet bniet *penthouse.* Qalet li fl-1994 hija kellha inċident ikraħ tat-traffiku, u għamlet madwar erba' snin tagħmel użu minn siġġu tar-roti, u wara xi snin reġgħet kisret saqajha, u għalhekk sabiex ma jkollhiex problemi biex titla' t-taraġ, hi u ommha kienu qablu li kellhom jinstallaw *lift* fil-blokk, fejn il-konvenuta kellha tħallas għal żewġ terzi tal-ispejjeż, filwaqt li l-attriċi kellha tħallas għal terz. Qalet ukoll li hija tħallas *maintenance fee* tal-*lift* ta' €300 fis-sena. Qalet li l-*lift* in kwistjoni ġie installat f'Mejju tal-2009, u dak iż-żmien hija

kellha self mal-HSBC u kienet ħasbet biex testendi s-self sabiex tħallas għall-ispejjeż kollha tal-*lift,* filwaqt li l-attriċi kellha tħallasha meta tkun tista'. Qalet li hija kienet għamlet ħafna spejjeż, li b'kollox telgħu madwar €30,000, li kienu jinkludu l-ispejjeż tal-*lift* innifsu, tal-bennej li bena l-bokka tal-*lift,* tal-*electrician,* tal-kaħħal, tal-bajjad u ħlasijiet oħra. Qalet li peress li l-*penthouse* kienet għall-kiri u għalhekk kellhom jidħlu fiha nies barranin, il-*lift* sar b'sistema ta' ċavetta li ddur skont in-numru tas-sular li wieħed irid jitla' fih. Qalet ukoll li kemm hi u kemm ommha kellhom ċavetta, u kienu jużawha t-tnejn li huma. Qalet li kien hemm diversi okkażjonijiet meta ommha qaltilha li tilfet iċ-ċavetta u għalhekk kellha tagħmlilha kopja, u mhuwiex minnu li ommha qatt ma għamlet użu mil-*lift.* Qalet li ommha kienet ilha żmien twegħdha li ser tħallas għal sehemha mil-*lift,* u darba minnhom kienet qaltilha li kellha €10,000 li setgħet tgħaddihomlha. Qalet li hija aċċettat u talbitha tiddepożita l-flus fil-kont bankarju fejn kellha s-self sabiex taqta' mid-dejn li kellha mal-bank. Qalet li mhux minnu li ommha silfitha dawn il-flus, iżda wara xi żmien ommha talbitha trodd dawn il-flus lura, filwaqt li bdiet tgħid li hi l-flus silfithomlha u mhux tathomlha. Qalet li dak iż-żmien kien ġej il-Milied u biex ma tidħolx fi kwistjonijiet ma' ommha, kienet qablet li tħallasha €3,000, mill-flus tal-kera tal-*penthouse.* Il-konvenuta qalet li ommha kienet allegat li silftiha dawn il-flus fi żmien meta l-partijiet kienu miġġildin, u żiedet tgħid li hi u ommha jkollhom ħafna xi jgħidu bejniethom. Qalet li x-xhieda prodotti minn ommha qalu biss parti mill-verità, għaliex kien hemm diversi okkażjonijiet meta hija rat lil Ann Curmi tagħmel użu mil-*lift.* Il-konvenuta qalet li ommha tagħmel użu mil-*lift* diversi drabi, minkejja li m'għandhiex ċavetta tiegħu, billi tagħfas il-buttuna tal-*lift* minn fuq. Qalet li hija

taf li l-ħbieb ta' ommha jagħmlu użu mil-*lift* kull darba li jżuruha, u ommha ġieli tpoġġi xirjiet jew xi ċilindru tal-gass fil-*lift.*

8. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, il-konvenuta spjegat li meta xtraw il-blokk hi u ommha, huma kienu akkwistaw l-art, u wara bnewha. Qalet li hija kienet tat iċ-ċavetta tal-*lift* lil ommha meta kienu għadhom f'relazzjoni tajba bejniethom. Qalet li hemm mod kif il-*lift* ma jintużax biċ-ċavetta, billi wieħed jagħfas buttuna minn fuq. Il-konvenuta qalet li l-*lift* sar minħabba l-istat ta' saħħa taż-żewġ partijiet, u ommha kienet qablet li dan il-*lift* isir.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

9. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2021, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidrat:***
>
> *Illi l-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti. Filwaqt li l-attriċi ssostni li l-għaxart elef euro (€10,000) reklamati minnha kienu self lil bintha, il-konvenuta ssostni li l-istess ammont kien jirrappreżenta flejjes dovuti lilha għal sehem ommha għall-installazzjoni ta' lift li kienet saret snin qabel.*
>
> *Illi, għalhekk, biex din il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha ħtiġielha tgħarbel bir-reqqa d-depożizzjonijiet tal-partijiet u tevalwa liema minnhom hija l-iktar waħda verosimili.*
>
> *Illi l-attriċi ġabet prova li l-flus fil-fatt għaddew għand il-konvenuta. Madankollu l-konvenuta ġabet ukoll prova li hija l-lift installat fil-blokk fejn jgħixu l-partijiet ġie jiswa madwar erbgħa u għoxrin elf euro (€24,000). Dan ifisser li terz tal-prezz iqarreb dak reklamat mill-attriċi f'din il-kawża.*

*Illi l-Qorti setgħet tinnota, u anke l-konvenuta aċċennat għaliha, li bejn il-partijiet hemm diversi differenzi. Illi f'din is-sitwazzjoni l-Qorti ma temminx illi l-attriċi sellfet somma sostanzjali ta' flus mingħajr ma mqar kellha xi ħaġa bil-miktub. Illi l-Qorti semgħet illi l-attriċi kellha negozju fiż-żmien u għalhekk ċertament taf kif imorru l-affarijiet. Huwa veru li din hija relazzjoni ta' bejn bint u ommha, però tenut kont li kienet taf bid-differenzi li hemm bejniethom din il-Qorti ma temminx li l-attriċi, li kieku veru sellfet l-ammont pretiż, ma kinitx se tieħu l-prekawzjonijiet li kellha tieħu.*

*Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuta kienet ġenwina fix-xhieda tagħha u tat spjegazzjoni ċara tal-flejjes riċevuti mingħand ommha u għala rrimborżata lura xi ammonti.*

*Illi l-Qorti tirrileva illi veru huwa ta' għajb li bint u omm spiċċaw f'din is-sitazzjoni u f'din il-pika sfrenata.*

*Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-attriċi ma ppruvatx it-talba tagħha sal-grad rikjest mil-liġi u għalhekk it-talba tagħha se tiġi miċħuda.*

***Decide***

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi."*

## <u>L-Appell</u>

10. L-attriċi appellat mis-sentenza appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fl-20 ta' Ottubru, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti, fis-sens li tħassarha, u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn ċaħdet it-talbiet attriċi u laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u konsegwentement tgħaddi biex tilqa' t-talba tal-appellanta u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellata.

11. L-appellanta spjegat li permezz ta' ċekk datat 14 ta' Diċembru, 2018, hija kienet silfet is-somma ta' €10,000 lill-appellata, li minnhom l-appellata rrifondiet biss l-ammont ta' €2,000. Qalet li nonostante li ġiet interpellata tħallas il-kumplament, l-appellata baqgħet inadempjenti, u kien għalhekk li kellha ssir il-kawża odjerna. L-appellata insistiet li min-naħa tagħha xejn ma kien dovut għaliex l-ammont bilanċjali ta' €8,000 kien jirrappreżenta ħlas għal sehem l-appellanta mil-*lift* li kien ġie installat fil-blokk fejn jirrisjedu l-partijiet, aktar minn ħdax-il sena qabel, meta l-appellata kienet bniet *penthouse,* u l-*lift* kien sar sabiex iservi l-*penthouse.* L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti għażlet li tabbraċċja l-verżjoni tal-appellata, billi nnutat li hemm diversi differenzi bejn il-partijiet fil-kawża, u kkonkludiet ukoll li l-verżjoni tal-appellanta mhijiex kredibbli, wara li qieset li l-appellanta hija persuna fin-negozju u għalhekk mhux plawsibbli li din għamlet self mingħajr ma kien hemm xejn bil-miktub. L-appellanta rrimarkat li f'kull kawża quddiem il-Qrati jkun hemm differenzi bejn il-partijiet, u ċ-ċekk fih innifsu kellu jkun prova li sar il-ħlas.

12. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li kien sar ħlas lura in parti ta' €2,000 permezz ta' żewġ pagamenti mensili ta' €1,000 kull wieħed, u staqsiet x'motiv seta' kien hemm għal din l-għotja ta' flus jekk parti minnha ġiet rifuża mill-appellata. Qalet li jekk kif irriteniet l-Ewwel Qorti, sar ħlas għal xi ħaġa da parti tal-appellanta, min irċieva l-flus ma kienx ser iħallas lura parti mill-ammont, aktar u aktar wara tant snin. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra wkoll li l-*lift* ġie installat fl-2007, meta l-appellata bniet l-arja fuq il-fond tagħha u l-*lift* sar biex iservi l-*penthouse.* Qalet li huwa loġiku li wieħed jistaqsi għal liema raġuni, fi ħdax-il sena, l-appellata qatt

ma bagħtet xi forma ta' interpellazzjoni, u ma kienx hemm prova li f'dan iż-żmien din għamlet imqar talba waħda verbali għall-ħlas. L-appellanta qalet li ma rriżultax lanqas li l-appellanta ġiet avviċinata jew ikkonsultata meta l-*lift* ġie installat, jew li din qatt ikkontribwiet għall-manutenzjoni jew għad-dawl li jintuża sabiex jitħaddem il-*lift,* u dawn il-fatturi jkomplu jsaħħu l-verżjoni tagħha li hija ma kinitx tagħmel użu mil-*lift.* Qalet li l-*lift* jintuża permezz ta' ċavetta, u hi la qatt kellha u lanqas għandha kopja ta' din iċ-ċavetta. Qalet li għalhekk ma jagħmel l-ebda sens għaliha li tħallas għal xi ħaġa li m'għandha l-ebda utilità għaliha u li m'hija ser tieħu l-ebda benefiċċju minnha. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti kellha tqis ukoll li l-*lift* huwa mgħammar bil-*locks* taċ-ċwievet, meta fil-blokk ma joqgħod ħadd aktar għajr għall-partijiet fil-kawża. Qalet li għalhekk ikun pertinenti li wieħed jistaqsi għal liema raġuni sar *lift* jissakkar jekk mhux biex tiġi eskluża hi mill-użu tal-*lift.* L-appellanta żiedet tgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li l-ħlas ta' €10,000 sar sabiex l-appellata tkun tista' taqta' s-self mal-bank li kellha. Qalet ukoll li l-proprjetà nbniet minnha, u li kieku hija kellha bżonn tagħmel użu mil-*lift,* hija kienet taħseb biex tinstallah mill-bidu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

13. L-appellata fir-risposta tagħha qalet li mill-provi kellu jirriżulta li filwaqt li hi għandha żewġ *units* fil-blokk, ommha għandha wieħed. Qalet ukoll li minkejja li ommha qegħda tallega li l-€10,000 li vversatilha f'Diċembru tal-2018, kienu self, l-appellata ssostni li dawn il-flus ma kellhomx jiġu rifużi. Qalet ukoll li meta wasal il-waqt li fil-blokk jiġi installat *lift,* il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-appellanta kellha toħroġ terz mill-ispejjeż, filwaqt li l-appellata kellha toħroġ

żewġ terzi, iżda li fil-mument meta attwalment inxtara l-*lift,* l-appellata ħarġet il-flus kollha waħedha.

14. L-appellata għamlet riferiment għall-fatt li l-appellanta ħassitha aggravata għaliex kienet il-verżjoni tal-konvenuta li ġiet emmnuta mill-Ewwel Qorti. L-appellata qalet iżda li kien fid-dawl tad-diversi diverġenzi li kien hemm bejn il-partijiet, li huma omm u bint, li l-Ewwel Qorti qieset li mhuwiex verosimili li f'każ li l-omm silfet xi flus lil bintha, din m'għamlet l-ebda kitba sabiex tispjega għal liema raġuni kienu qegħdin jingħataw dawn il-flus, u kif u meta ser jitħallsu lura. Qalet li l-appellanta għamlet ħajjitha fin-negozju, u mhux kredibbli li din tgħid li silfet dawk il-flus kollha, mingħajr ma esiġiet li ssir kitba bejn il-partijiet, aktar u aktar meta jirriżulta li l-partijiet ma kellhomx relazzjoni daqstant tajba bejniethom.

15. L-appellata żiedet tgħid li l-appellanta f'mument minnhom qalet li ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir skrittura dwar dan is-self, u ftit wara tgħid li l-konvenuta messha interpellatha sabiex tħallas sehemha mill-*lift.* L-appellata qalet li din l-interpellazzjoni xejn m'hija loġika meta l-omm kienet twegħdha li sejra tħallas għal sehemha mil-*lift.*

16. L-appellata qalet li l-Ewwel Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, inkluż il-prova li dakinhar li ommha ħallset €10,000 għax qalet li bintha kellha bżonn il-flus, dakinhar stess l-appellata ħarġet l-ammont ta' €5,000 sabiex taqta' s-self bankarju li kien hemm. Qalet ukoll li l-Qorti setgħet tinnota kif dak li qalet l-appellanta ma kellux mis-sewwa, meta qalet li darba sabet il-*lift* miftuħ u

telgħet fih, għaliex il-Qorti fehmet li l-*lift* irid jiftħu min jużah, bla ċavetta ma jitlax, u jinfetaħ malli tingħafas kwalunkwe buttuna.

17. L-appellata qalet li mhux minnu li ommha m'għandhiex bżonn tagħmel użu mil-*lift,* għaliex din hija mara ta' sebgħin sena u għandha bżonn titla' sular taraġ biex tasal għall-appartament tagħha. L-appellata qalet ukoll li t-tielet *unit* fil-blokk dejjem inkera, u għalhekk m'huwa minnu xejn li l-partijiet huma l-uniċi persuni li jgħixu fil-blokk.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellata, u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata. L-appellanta ġabret diversi aspetti fattwali li fil-fehma tagħha kellhom jiġu kkonsidrati mill-Ewwel Qorti, sabiex tispjega r-raġunijiet għalfejn hija ħassitha aggravata bis-sentenza appellata. Fir-risposta tagħha l-appellata tgħid li din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi prodotti, u ssostni li huwa ċar li l-Ewwel Qorti qieset il-verżjoni mogħtija mill-appellata bħala waħda aktar kredibbli u plawsibbli minn dik mogħtija mill-appellanta, u kien għalhekk li hija ngħatat raġun mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti tibda billi tirrileva li dan huwa appell minn deċiżjoni dwar bilanċ ta' flus pjuttost mhux żgħir li l-appellanta tallega li għandha titħallas lura mingħand l-appellata, u l-appellanta hija tal-fehma li ma saritx ġustizzja magħha mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti qieset il-provi u l-fatti li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti mhux biex tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi, iżda sabiex tassigura li ssir ġustizzja mal-partijiet.

*L-ewwel aggravju:* *[il-ħlas lura ta' parti mis-self]*

19. L-appellanta tgħid li l-aqwa prova li kellha l-Ewwel Qorti li l-flus mgħoddija minnha lill-appellata kellhom jiġu kkonsidrati bħala self u mhux bħala għotja, huwa l-fatt li l-appellata raddet lura parti mis-somma ta' €10,000 ivversati lilha mill-appellanta. Tgħid li kieku hija tat dawn il-flus b'donazzjoni, l-appellata ma kienx ikollha għalfejn trodd lura parti mis-somma.

20. Il-Qorti tqis li l-prova li mis-somma ta' €10,000 li tħallset lill-appellata permezz ta' *cheque,* l-ammont ta' €2,000 tħallas lura lill-appellanta, kienet il-prova ewlenija li kellha tikkonsidra l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi f'dan il-każ x'kienet l-intenzjoni tal-appellanta. Għall-Qorti, il-fatt li l-appellata ħallset lura parti mis-somma li għadditilha ommha, kellu jingħata piż akbar mill-fatt li s-somma pretiża mill-appellanta tikkombaċja perfettament ma' terz tal-ispejjeż li saru għall-installazzjoni tal-*lift.* Din il-Qorti tqis li l-fatt li l-appellata laħqet ħallset lura parti mis-somma li kienet ġiet ivversata lilha, kellu jikkostitwixxi l-prova reġina li l-flus li l-appellanta għaddiet lill-appellata ma kellhomx jitqiesu bħala għotja, iżda kienu self. L-appellata ppruvat tispjega dak li ġara billi qalet li ommha talbitha ħlas lura ta' parti mill-imsemmija somma fi żmien il-Milied, u ma riditx li jinqalgħu kwistjonijiet bejn il-partijiet proprju f'dak iż-żmien. Għall-Qorti iżda, il-fatt li l-appellata ħallset lura kwint mit-total li kienet ivversatilha ommha, jikkostitwixxi prova biżżejjed li l-ftehim bejn il-partijiet dejjem kien li s-somma li ħallset l-appellanta lil bintha kellha tintradd lura lilha. Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[il-lift ilu installat mill-2007]*

21. L-appellanta tgħid li minkejja li l-*lift* kien ilu installat mill-2007, fi ħdax-il sena bintha qatt ma interpellatha b'xi mod sabiex tħallas sehemha mill-ispiża għall-installazzjoni tal-*lift.*

22. Din il-Qorti tqis ukoll il-fatt li għadda żmien konsiderevoli minn dakinhar li ġie installat il-*lift* fil-blokk, ghal dakinhar li ġew ivversati l-flus lill-appellata mill-appellanta fl-2018. Dan ifisser li l-appellata damet ħdax-il sena tistenna lill-appellanta toħroġ sehemha mill-ispiża tal-*lift,* mingħajr qatt ma għamlet xi talba verbali jew bil-miktub f'dan is-sens. Meta wieħed iqis li għadda dan iż-żmien kollu, il-verżjoni mogħtija mill-appellanta, li hija vversat somma flus lil bintha sabiex din ma tibqax tħallas imgħaxijiet fuq is-self bankarju li kellha, hija aktar plawsibbli. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *[l-ebda kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-lift]*

23. L-appellanta qalet li min-naħa tagħha hija qatt ma ġiet ikkonsultata dwar l-installazzjoni ta' l-*lift,* u qatt ma ntalbet tagħmel tajjeb għall-ispejjeż jew għall-manutenzjoni tiegħu. L-appellata fix-xhieda tagħha qalet li hija kienet ikkonsultat ma' ommha dwar l-installazzjoni tal-*lift,* għalkemm qalet wkoll li kienet hi li dejjem għamlet tajjeb għall-ispejjeż tal-manutenzjoni tal-*lift* u għas-*servicing* tiegħu.

24. Il-Qorti tqis li din hija prova oħra li l-*lift* ma kienx maħsub li tagħmel użu minnu l-appellanta, għaliex l-appellata stess xehdet li ommha qatt ma

kkontribwiet għall-ispejjeż tal-*lift* fis-snin kollha li dan ilu installat. Dan ukoll jagħti aktar kredibbilità lit-teżi tal-appellanta, li hija riedet tislef il-flus lil bintha, u ma kienx il-każ li l-appellanta ħarġet terz mill-ispejjeż li saru għall-installazzjoni tal-*lift,* kif qegħda tallega l-appellata. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu.

*Ir-raba' u l-ħames aggravji:* *[l-ebda aċċess għal-lift]*

25. L-appellanta tgħid li hija qatt ma kellha kopja taċ-ċavetta u qatt ma kellha aċċess għal-*lift.*

26. Mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-*lift* huwa mgħammar b'sistema li tissakkar biċ-ċavetta, u biex jintuża l-*lift* hemm bżonn ta' ċavetta li tintuża skont is-sular li wieħed irid jasal fih. Li kieku ma kienx hemm l-intiża li waħda mill-komproprjetarji tal-blokk tiġi eskluża mill-użu tal-*lift,* ma kienx ikun hemm għalfejn li l-*lift* jiġi mgħammar b'din is-sistema partikolari. Dan il-fattur ukoll jagħti kredibbilità akbar lill-verżjoni tal-appellanta, li l-flus ġew mislufa minnha sabiex l-appellata taqta' s-self bankarju li kellha, u mhux sabiex l-appellanta tħallas sehemha għall-użu tal-*lift.*

*Is-sitt aggravju:* *[ir-raġuni għas-self]*

27. L-appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx is-sottomissjoni tagħha li hija vversat somma flus lil bintha sabiex din tkun tista' taqta' mis-self bankarju li kellha.

28. Din il-Qorti tqis li għall-istess raġunijiet mogħtija minnha fir-rigward tal-aggravji l-oħra, il-flus ġew ivversati lill-appellata mill-appellanta ommha bl-intiża li l-appellata troddhom lura, u mhux għaliex l-appellanta riedet tħallas sehemha mill-*lift* ta' terz tal-ispejjeż.

*Is-seba' aggravju: [il-blokk nbena mill-appellanta]*

29. L-appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra li l-blokk kien inbena minnha, u għalhekk li kieku hija riedet li jsir *lift,* hija setgħet taħseb għalih mill-bidu, u mhux toħroġ sehemha mill-ispiża tal-*lift* ħdax-il sena wara li dan ġie installat.

30. Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti m'hemm xejn li jikkontradixxi din il-pożizzjoni tal-appellanta, u fil-fatt kienet l-appellata stess li waqt il-kontro-eżami tagħha qalet li ommha kienet xtrat l-art, u wara ġie żviluppat il-blokk. Għaldaqstant huwa ferm verosimili illi li kieku l-appellanta riedet li jkollha aċċess għall-appartament tagħha permezz ta' *lift,* hija setgħet tassigura li l-*lift* jiġi installat mill-bidu nett li tella' l-blokk u mhux wara daqstant snin. Huwa għalhekk aktar verosimili, f'kawża fejn il-partijiet qegħdin jieħdu pożizzjoni daqstant konfliġġenti minn xulxin, li l-installazzjoni tal-*lift* saret sabiex isservi l-*penthouse* li nbniet għal skopijiet ta' kiri, u l-*lift* fil-fatt ġie nstallata wara li ttelgħet il-*penthouse.* Għaldaqstant din il-Qorti sejra tilqa' l-aggravji kollha sollevati mill-appellanta fir-rikors tal-appell.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tilqgħu, u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet kollha li saru mill-appellanta fir-rikors promutur tagħha, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fl-ewwel istanza, u l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**